MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Numru 837/2005

PULIZIJA
SPETTUR MAURICE CURMI
VS
FRANCES CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Frances Caruana, ta' 51 sena, iben Anthony u Catherine nee' Agius, imwieled Zejtun fil-31 ta' Awissu 1954, residenti fl-indirizz "Marushka", Triq L-Istamnar, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 647554(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-6 ta' Lulju 2005 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'San Pawl il-Bahar, approprja tuhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm26,000 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

U huwa akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U huwa akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.71) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 26 ta' Novembru 2008 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghal rigward ta' l-ewwel akkuza (fol.82);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Pulizija rcevew rapport minn Joseph Deguara fis-sens li huwa kien biegh propjeta' cioe '58' Triq San Pawl Milqi, Burmarrad, lil certu John Camilleri ta' 'Dove Trading Limited'. Ghal dan il-bejgh, Joseph Deguara kien ircieva *cheque* ta' sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin liri Maltin punt hamsin centezmu (Lm 27,632.50c)

Joseph Deguara, ragel anzjan, kien ra li dan ic-*cheque* kien ammont kbir u talab lill-imputat Frances Caruana biex jaghmillu diversi *cheques* f'ammont ta' *two thousand* kull wiehed sabiex ikun jista' jsarrafhom b'mod aktar komdu. L-imputat Frances Caruana rcieva c-*cheque* ta' sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin liri Maltin punt hamsin centezmu (Lm 27,632.50c) u ddepozita dan ic-*cheque* fl-akkont tat-tifla tieghu, pero' qatt ma hallsu. Sussegwentement, fuq insistenza ta' Joseph Deguara, l-imputat hareg diversi cekkijiet mill-Barclays Bank ta' l-Ingilterra, f'ammont ta' elfejn lira sterlina izda ebda wiehed minn dawn ic-cekkijiet ma setghu jissarfu.

Spettur Cordina (ara xhieda a fol.12 u fol.13) xehed illi huwa kien baghat ghall-imputat, illi kien ammetta illi ha dawn il-flejjes, li imbaghad gie bzonn dawn il-flus ghax kellu xi djun u ried jibda jhallas bin-nifs. L-imputat stqarr mal-Pulizija illi huwa kellu l-vizzju tal-loghob u kellu jaghti ammonti sostanzjali lil diversi nies.

L-istqarrija ta' l-imputat giet ezebiti bhala Dok.JC u li tinstghab a fol.14 sa 16.

Joseph Deguara kkonferma r-rapport tieghu. Ikkonferma illi huwa biegh razzett u l-profitt kien ta' sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin liri Maltin punt hamsin centezmu (Lm 27,632.50c) u li x-xerrej kien hallsu permezz ta' *cheque* f'dan l-ammont. Ikkonferma illi huwa kien jaf lil Frances Caruana ghax kien is-sensar f'dan in-negozju u Deguara kkonferma illi huwa ghadda c-*cheque* f'ammont ta' sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin

liri Maltin punt hamsin centezmu (Lm 27,632.50c) lill-imputat sabiex dana jsarrafulu f'diversi *cheques* f'ammonti zghar. Deguara xehed illi pero', bhala stat ta' fatt, l-imputat, qatt ma hallsu permezz ta' dawn ic-*cheques*, kif dejjem iwieghedu illi ser jaghmel. Sussegwentement, tah xi *cheques* esteri, izda dawn ma setghux jissarfu fil-Banek Maltin. Joseph Deguara xehed illi l-imputat kien thallas tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm 3,200) senserija. Joseph Deguara xehed illi l-imputat kien ghadu ma hallas ebda parti tas-somma dovuta lilu.

PS 130 kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat.

Maria Theresa Busuttil, mill-Bank of Valletta, ezebiet Dok.MTV, *cheque* f'ammont ta' sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin liri Maltin punt hamsin centezmu (Lm 27,632.50c) u *cheque* ta' tlett elef u tlett mitt liri Maltin (Lm3,300) Dok.MTV1 (ara fol.41 u fol.42).

Joe Camilleri (a fol.56) xehed illi huwa kien xtara propjeta' minghand Deguara u kien hallas permezz ta' *cheque* u ezebixxa Dok.JC1 u l-kuntratt Dok.JC (a fol.59)

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fuq appropriazzjoni indebita.

Illi l-fatti spece tal-kaz jinkwadraw perfettament f'dan ir-reat il-ghaliex l-elementi essenzjali ta' appropriazzjoni ndebita huma kollha provati skond il-Ligi u cioe fejn l-imputat dawwar ghal profitt ghalih nniffsu, *cheque,* propjeta' ta' Deguara, illi kien gie fdat lilu, b'obbligazzjoni tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat u cioe illi jinghata lura cekkijiet f'denominazzjoni izghar. Kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll bir-registrazzjoni ta' ammissjoni (ara fol.82), l-imputat ha r-responsabilta' kollha fuqu nniffsu u spjega illi huwa fil-fatt appropria ruhu b'dan ic-*cheque*, sab

ruhu f'diffikulta' finanzjarja minhabba l-vizzju tal-loghob tieghu u d-dejn illi kellu ma' diversi nies u ghalhekk ma setghax jrodd lura dan l-ammont.

L-imputat jinsab ukoll mixli bl-akkuza ta' messa in scena ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-falsifikazzjoni ta' *cheques*. Ghal rigward ta' l-akkuza tal-messa in scena, din il-Qorti taghraf illi l-fatti spece tal-kaz ma jinkwadrawx addirittura fir-reat kontemplat tal-mise en scene u dana il-ghaliex skond il-gurisprudenza nostrali jenhtieg illi jkun hemm il-prezenza ta' certu raggiri u artifizi ta' certu portata.

**In fatti, fis-sentenza Pulizija vs. Emanuel Ellul, Appell Krim. Deciza fis-20 ta' Gunju 1997** fejn gie ritenut is-segwenti:

***"Fil-ligi taghna, element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe dawk l-"artifizi" jew "raggiri" idonei li jinducu, u li effettivament ikunu inducew, lill-vittma fi zball – l-ingann – u li <u>b'konsegwenza ta' dak l-izball</u> il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent.***

***Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkitetta b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu…***

***Element essenzjali iehor tar-reat tat-truffa huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma <u>ghax tkun giet ingannata</u>. In fatti t-truffa komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tliet***

***reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh."***

Fil-kaz in ezami, il-konsenja tac-*cheque* lil Joseph Deguara ma rrizultax minhabba xi raggiri jew artifizji da parti ta' l-imputat, izda kienet kompletament idea ta' Joseph Deguara illi jafda lill-imputat b'*cheque* ta' dik l-entita', bl-obligazzjoni ta' l-imputat illi jsarrafhom fi tlettax/erbatax-il *cheque* ta' approssivament elfejn lira (Lm2,000) kull wiehed u ghaldaqstant ma jirrizultax illi l-imputat induca lil Deguara fi zball bil-konsegwenza ta' telf patrimonjali u bil-korrispondenti qligh ghall-imputat.

Illi, di piu', il-Prosekuzzjoni, f'ebda mument, ma gabet prova soddisfacenti sabiex tigi stabbilita l-akkuza ta' falsifikazzjoni. In fatti, ebda *cheque*, cosi det, falsifikat, ma gie pprezentat u ebda prova tal-kaligrafija ta' l-imputat mac-*cheque* susspettat ma ngaghbet permezz ta' Espert nominat ghal dan il-ghan. Fil-mankanza assoluta ta' dana kollu, l-Qorti ma tistghax issib htija f'din it-tielet akkuza.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lil-imputat, **Frances Caruana**, hati ta' l-ewwel (1) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza illi minnhom tilliberah u wara li rat Artikolu 18, 293, 28A, 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sentejn priguneria sospizi ghal erba' snin u tohrog Compensation Order kontra l-imputat u favur l-anzjan Joseph Deguara jew prokuratur minnu nominat fis-somma ta' €64,344 (ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin liri Maltin punt hamsin centezmu (Lm 27,632.50c) liema somma ghandha tithallas fi zmien 6 xhur.**

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat u il-fedina penali tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------